MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 308/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Lulju, 1969 fil-Knisja ta' San Nikola, Siggiewi (Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Anthony Abela fil-21 ta' Lulju, 1999 (Dok. B anness);

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totalment separta minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifsu (Dok. C) ;

Talab li l-intimata sabiex tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti tikkonferma li kienu zzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1969.
2. Illi l-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' firda personali fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 1999 atti Nutar Anthony Abela.
3. Illi ma hemm l-ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni.
4. Illi ilhom jghixu separatament mill-att tal-firda personali.
5. Illi ai termini tal-istess kuntratt ma jithallas l-ebda manteniment.
6. Illi l-esponenti ma topponix ghad-divorzju kif mitlub mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Lulju 1999;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti pprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------